PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

10.12.2012 B7-0569/2012

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jespandi l-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent
(2012/2911(RSP)).

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Ioannis Kasoulides, Elmar Brok, Roberta Angelilli, Tokia Saïfi, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Dominique Vlasto**
f'isem il-Grupp PPE

**B7-0569/2012**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jespandi l-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent**
**(2012/2911(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet relevanti tan-NU, b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni 181 (1947) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u r-riżoluzzjonijiet 242 (1967), 252 (1968), 338 (1973), 476 (1980), 478 (1980), 1397 (2002), 1515 (2003), u 1850 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,

– wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Oslo ("Dikjarazzjoni tal-Prinċipji dwar Arranġamenti Interim ta' Governanza Awtonoma") tat-13 ta' Settembru 1993,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Catherine Ashton, b'mod partikolari dawk dwar l-espansjoni tal-insedjamenti tat-8 ta' Ġunju 2012 u tat-2 ta' Diċembru 2012,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani,

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interim dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tat-28 ta' Settembru 1995,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Iżrael ħabbar pjanijiet għall-bini ta' madwar 3 000 unità residenzjali ġdida fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant;

B. billi l-VP/RGħ u għadd ta' Stati Membri pprotestaw formalment u sejħu lill-ambaxxaturi Iżraeljani fuq l-espansjonijiet tal-insedjamenti li kienu tħabbru;

C. billi ġiet adottata riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-29 ta' Novembru 2012 u biha l-Palestina ngħatat status ta' Stat osservatur mhux membru fin-Nazzjonijiet Uniti;

D. billi l-UE ripetutament ikkonfermat l-appoġġ tagħha għas-soluzzjoni li tipprevedi żewġ stati, bl-Istat tal-Iżrael u Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u fis-sigurtà;

E. billi l-Ftehimiet ta' Oslo tal-1993 qassmu t-territorju tax-Xatt tal-Punent fi tliet żoni: iż-Żoni A, B u Ċ; billi ż-Żona Ċ, li tinsab taħt il-kontroll ċivili u tas-sigurtà Iżraeljan, tikkostitwixxi 62% tat-territorju u hija l-unika żona kontinwa, bil-parti l-kbira tal-art fertili u għanja fir-riżorsi fix-Xatt tal-Punent; billi l-Ftehim Interim dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tal-1995 ddikjara li ż-Żona Ċ tiġi trasferita gradwalment għal

ġurisdizzjoni Palestinjana;

F. billi kulma jmur Ġerusalemm tal-Lvant qed tinqata’ aktar u aktar mix-Xatt tal-Punent, filwaqt li l-Baċin Storiku ta’ ġo Ġerusalemm kulma jmur qed tinqata’ aktar u aktar mill-bqija ta' Ġerusalemm tal-Lvant;

G. billi l-Parlament Ewropew ripetutament esprima l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tal-President Mahmoud Abbas u tal-Prim Ministru Salam Fayyad għall-bini ta' stat, u rrikonoxxa u laqa' s-suċċess tal-pjan ta' sentejn tal-bini ta' stat tal-Prim Ministru Fayyad;

1. Jinsab imħasseb serjament minħabba rapporti tat-tħabbira tal-Gvern Iżraeljan rigward il-bini ta’ madwar 3 000 unità residenzjali ġdida fix-Xatt tal-Lvant, inkluż f’Ġerusalemm tal-Lvant;

2. Jenfasizza li tali espansjoni tista’ tirrappreżenta pass li jdgħajjef il-prospetti ta’ Palestina vijabbli;

3. Jilqa’ l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar il-Proċess ta’ Paċi fil-Lvant Nofsani;

4. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għas-soluzzjoni li tipprevedi żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, bl-Istat tal-Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà; jappoġġja bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani tal-14 ta' Mejju 2012, filwaqt li jtenni li l-UE mhijiex ser tirrikonoxxi kwalunkwe bidla fil-fruntieri ta' qabel l-1967, inkluż fir-rigward ta' Ġerusalemm, għajr dawk li jkun sar qbil dwarhom mill-partijiet ikkonċernati;

5. Jisħaq fuq l-importanza li jitħarsu l-popolazzjoni Palestinjana u d-drittijiet tagħha fiż-Żona Ċ u f'Ġerusalemm tal-Lvant, li huwa essenzjali biex il-vijabbiltà tas-soluzzjoni li tipprevedi żewġ stati tibqa' ħajja;

6. Jenfasizza li l-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalemm tal-Lvant huma illegali skont il-liġi internazzjonali; jitlob li jsir iffriżar immedjat, komplet u permanenti fuq il-bini kollu ta’ insedjamenti Iżraeljani u fuq l-attivitajiet kollha ta’ espansjoni tal-insedjamenti Iżraeljani;

7. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha għal darba oħra jwettqu rwol politiku aktar attiv, anke fi ħdan il-Kwartett, fl-isforzi mmirati biex tinkiseb paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; jappoġġja lir-Rappreżentant Għoli fl-isforzi tagħha biex toħloq prospett kredibbli għall-varar mill-ġdid tal-proċess ta' paċi;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kumissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-Mibgħut tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u lill-Gvern tal-Iżrael, lill-President tal-Awtorità

Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.